MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 234/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fawzi El Majri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Fawzi El Majri talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-il 11 u 12 ta' Frar 2009, minn gewwa l-fond 57 Tamarish Court li jinsab fi Triq in-Nazzarenu, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u

ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Rosario Mellone minn San Giljan u/jew persuna jew persuni ohra,

2. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 11 u 12 ta’ Frar 2009, minn gewwa l-fond 57 Tamarish Court li jinsab fi Triq in-Nazzarenu, Sliema, ikkommetta serq ta’ apparat tal-computer (Lap-top), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Jeremy Harrison u/jew persuna jew persuni ohra,

3. F’ xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 11 u 12 ta’ Marzu 2009, minn gewwa l-fond 46, Triq Stella Maris, Sliema, ikkommetta serq ta’ *Sony PlayStation Portable* u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Enrico Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra,

4. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 11 u 12 ta’ Marzu 2009, minn gewwa l-fond 102 Briar Flats, appartament numru 5, Triq Guze` Howard, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Christian Schwartzkopf mill-Germanja u/jew persuna jew persuni ohra,

5. Nhar-it 12 ta’ Marzu 2009, ghall-habta ta’ l-04 :30 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ hames mitt Euro (€500) minn ATM tal-Bank of Valletta li tinsab fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma’ Triq Birkirkara, Balluta, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Uyar Ozleni mill-Germanja u/jew persuna jew persuni ohra,

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi, wera

haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq bi hsara ta' Uyar Ozleni mill-Germanja u Bank of Valletta u dan ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-it 03 u l-04 ta' April 2009, minn gewwa l-fond 68 Water Front Place, appartament numru 12, Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Kylie Marie Schembri u Frederick Schembri u/jew persuna jew persuni ohra,

8. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-il 04 u l-05 ta' April 2009, minn gewwa l-fond 144 appartament numru 9, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' James Godfrey mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u/jew persuna jew persuni ohra,

9. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-il 04 u l-05 ta' April 2009, minn gewwa l-fond 143 appartament numru 15, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' flus u dokumenti, liema serq huwa agravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Mariella Azzopardi minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

10. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-il 04 u l-05 ta' April 2009, minn gewwa l-fond 144 appartament numru 12, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin

euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Tuba Cakir mill-Olanda u/jew persuna jew persuni ohra,

11. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 04 u l-05 ta’ April 2009, minn gewwa l-fond 146 appartament numru 7, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Gordon Paul Griffin miz-Zambia u/jew persuna jew persuni ohra,

12. Nhar-il 25 ta’ April 2009, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera’ dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq minn gewwa l-fond 150 appartament numru 7, Triq it-Torri, Sliema, liema tentattiv ta’ serq, li kieku sar, kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bil-lok, u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

13. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 20 u l-21 ta’ Lulju 2009, minn gewwa l-fond Goldenwings appartament numru 12, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u dokumenti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Jonathan Patrick Shaw u/jew persuna jew persuni ohra,

14. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-it 18 u d-19 ta’ Frar 2009, minn gewwa l-fond 12 Chilstone appartament numru 1, Triq Locker, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’

Simon Tonna minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

15. F'xi hin matul il-lejl ta' nhar-is 06 u s-07 ta' Lulju 2009, minn gewwa l-fond numru 5, Triq Gino Muscat Azzopardi, Sliema, ikkommetta serq ta' oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Giuseppe Maria Vella minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

16. Nhar-is 07 ta' Lulju 2009, ghall-habta tas-02:46 ta' filghodu, ikkommetta serq ta' mitt Euro (€100) minn ATM tal-Bank of Valletta li tinsab fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma' Triq Birkirkara, Balluta, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' Giuzeppe Maria Vella minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

17. Nhar-is 07 ta' Lulju 2009, ghall-habta tas-06:48 ta' filghodu, ikkommetta serq ta' mitt Euro (€100) minn ATM tal-Bank HSBC li tinsab f'San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' Giuzeppe Maria Vella minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

18. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Giuzeppe Maria Vella u/jew persuna jew persuni ohra,

19. Fil-lejl ta' nhar-it 28 u d-29 ta' Gunju 2008, minn gewwa l-fond 22 Linsi Flats, appartament numru 2, Trejqet ir-Regina Vittoria, Sliema, ikkommetta serq ta' lap-top, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Josephine Loporto minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

20. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-id 09 u l-10 ta’ Frar 2009, minn gewwa l-fond 22 Linsi Flats, appartament numru 2, Trejqet ir-Regina Vittoria, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Silvio Loporto minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

21. F’xi gurnata bejn Settembru 2007 u Ottubru 2007, minn gewwa l-fond 22 Linsi Flats, appartament numru 2, Trejqet ir-Regina Vittoria, Sliema ikkommetta serq ta’ oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriemnt ta’ Josephine Loporto minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

22. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-it 02 u t-03 ta’ Ottubru 2008, minn gewwa l-fond 26, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Michael Schembri minn Tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

23. Nhar-it 03 ta’ Ottubru 2008, ghall-habta ta’ l-04:09 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ hames mitt Euro (€500) minn ATM tal-Bank of Valletta li tinsab fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma’ Triq Birkirkara, Balluta, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Margaret Schembri minn Tas-Sliema u tal-Bank of Valletta u/jew persuna jew persuni ohra,

24. Nhar-it 03 ta’ Ottubru 2008, ghall-habta ta’ l-04:12 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ hames mitt Euro (€500) minn ATM tal-Bank of Valletta li tinsab fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma’ Triq Birkirkara, Balluta, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin u dan ghad-detriment ta’

Margaret Schembri minn Tas-Sliema u ta’ l-HSBC u/jew persuna jew persuni ohra,

25. Nhar-it 03 ta’ Ottubru 2008, f’hinijiet differenti bejn l-04.15 ta’ filghodu u l-04:45 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ mitejn Euro (€200) minn ATM ta’ l-HSBC li tinsab fi Triq Santu Wistin, Paceville, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Margaret Schembri minn Tas-Sliema u ta’ l-HSBC u/jew persuna jew persuni ohra,

26. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Margaret Schembri minn Tas-Sliema u Bank of Valletta,

27. F’xi hin matul il-lejl ta’ nhar-il 01 u t-02 ta’ Jannar 2009, minn gewwa l-fond 26, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Michael Schembri minn tas-Sliema u/jew persuna jew persuni ohra,

28. Bejn ix-xhur ta’ Settembru 2007 u Lulju 2009, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-31 ta’ Dicembru 2009 kif ukoll l-artikoli 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Fawzi El Majri hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-kofront tieghu salv l-ahhar imputazzjoni, u cioe` dik

immarkata bhala 28, liema imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijet ta' serq u liema imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, u kkundannatu sentejn prigunerija. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannatu sabiex sa zmien xahar minn meta jigi mitlub bil-miktub, ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija erbgha u disghin euro u disghin centezmu (€394.90) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Fawzi El Majri pprezentat fil-25 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih salv l-imputazzjoni numru 28, thassar dik il-parti fejn huwa gie kkundannat ghal sentejn prigunerija u minflok tapplika piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa mill-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva. Jghid illi l-ezercizzju tal-gudikant kellu jkun immirat lejn l-aspett riformattiv tal-piena filwaqt illi jinzamm bilanc ma' l-obbligu li jassigura li t-tessut socjali u l-ordni pubbliku li gie zventrat bl-agir kriminuz mertu ta' l-akkuza jigi ripristinat b'effett ta' l-istess sentenza. Jghid illi fil-kaz odjern dan il-ghan ma ntlahaqx ghaliex l-imposizzjoni ta' sentenza ta' prigunerija sejra tfixkel u mhux tghin ir-rijabilitazzjoni tieghu. L-appellant jilmenta illi ghalkemm l-ewwel Qorti qalet illi kienet sejra tapplika l-minimu permissibbli mil-ligi, dan fil-fatt ma ghamlitux. Inoltre jsostni illi f'dan il-kaz l-piena ta' prigunerija kellha tkun sospiza.

Jinghad l-ewwelnett illi s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fis-seduta tas-

27 ta’ Novembru 2009, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li rega’ gie mistoqsi mill-Qorti fis-seduta tat-23 ta’ April 2010. Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta’ Mejju 2004[1]:

**“Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.”**

Qabel xejn irid jigi sottolineat illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi l-appellant, minbarra tlieta u ghoxrin imputazzjoni ta’ serq u ohra ta’ tentattiv ta’ serq, gie akkuzat ukoll bir-reat ta’ truffa u/jew frodi innominat. Dan kien hekk meta gie akkuzat mill-Pulizija Ezekuttiva. Pero` min-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali tal-31 ta’ Dicembru 2009 ma jirrizultax illi l-Avukat Generali addebita lill-appellant ir-reat ta’ truffa u/jew frodi innominat izda addebitalu biss l-imputazzjonijiet ta’ serq u tentattiv ta’ serq, u dan nonostante illi l-appellant kien diga` ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha originali. Issa, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciz fis-7 ta’ Dicembru 2001, meta “r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta’ rinviju

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta’ Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta’ Gunju 2004

ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti." Ghalhekk is-sejbien ta' htija f'dan il-kaz ghandha tinftiehem bhala sejbien ta' htija fid-diversi imputazzjonijiet ta' serq u dik ta' tentattiv ta' serq u mhux ukoll fl-imputazzjonijiet ta' truffa.

L-appellant jilmenta illi ghalkemm l-ewwel Qorti qalet illi kienet se tapplika piena karcerarja fil-minimu imponibbli, hija m'ghamlitx hekk. Dak li ma qalx l-appellant pero` hu li l-ewwel Qorti qalet ukoll li fil-kalkolu tal-piena hija applikat l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li allura permezz tieghu l-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn. Ikollu jigi rimarkat illi l-ewwel Qorti applikat dan l-artikolu nonostante li ma giex citat mill-Avukat Generali, izda mill-Avukat Generali ma hemmx appell. Ghalhekk, stante li l-imputazzjonijiet ta' serq gew meqjusin mill-ewwel Qorti bhala reat kontinwat[2], allura fejn id-diversi atti jitqiesu bhala reat wiehed, il-piena applikabbli ghandha tkun ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin skond l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-artikolu 279(b) – peress illi hemm almenu imputazzjoni wahda fejn l-valur tar-refurtiva jeccedi elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) – izda mizjuda bi grad li ghalhekk titla' ghal prigunerija ghal perijodu minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Jigifieri l-perijodu minimu ta' prigunerija f'dan il-kaz huwa ta' tmintax-il xahar. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 imbaghad, jekk il-piena tizdied bi grad, din titla' ghal prigunerija minn sentejn sa ghoxrin sena u jekk b'zewg gradi titla' ghal prigunerija minn tliet snin sa tletin sena. Jigifieri anke hawn l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha sabiex izzid il-piena bi grad wiehed biss u fl-istess hin zammet mal-minimu.

[2] 18. Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi.

Sabiex waslet ghad-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ghamlet certi konsiderazzjonijiet li sejrin jigu hawn riprodotti *in toto*:

**"Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena l-aktar idoneja ghall-imputat f'dan il-kaz. Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkunsidrat ukoll il-fatt li huwa kkoopera b'mod inkonswet mal-Pulizija fis-sens illi li kieku ma kienx hu li ndika lill-Pulizja li kien wettaq in-numru konsiderevoli ta' serqiet li bihom jinsab akkuzat fil-proceduri odjerni, kien ikun aktar difficli ghall-Pulizija sabiex issolvi dawn il-kazijiet, u kkunsidrat ukoll ir-rakkomandazzjoni moghtija mill-*probation officer* Antonella Spagnol li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja sospiza. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu problema ta' abbuz mid-droga liema problema huwa jixtieq jeghleb u hadet in konsiderazzjoni dak li xehdu z-zewg xhieda prodotti mid-difiza dwar il-karattru affidabbli tal-imputat. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll in-numru impressjonanti ta' serqiet, tlieta u ghoxrin wahda, effettwati f'perijodu ta' sena u ghaxar xhur, u jidhrilha li jkun fl-ahjar interess kemm tal-imputat kif ukoll tas-socjeta` in generali li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva, anki jekk fil-*minimum* imponibbli, u dan bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jithalla jaghmel programm residenzjali sabiex jeghleb darba ghal dejjem il-problema tal-abbuz mid-droga. Il-Qorti hija tal-fehma li b'dan il-mod biss jista' jigi accertat li l-imputat jeghleb il-problema u ma jergax jirrikorri ghas-serq sabiex imantni l-vizzju tad-droga, u dan ghaliex ikollu kontroll assidwu u kontinwu, liema kontroll ma jkunx possibbli b'tali mod jekk l-imputat jinghata sentenza sospiza anki jekk taht *supervision order*. Fil-kalkolu tal-piena l-Qorti applikat l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."**

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, tikkondividi pjenament il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti. Inoltre r-reat ta' serq huwa reat serju hafna li ma jistax jigi trattat b'mod legger u hawn ghandna sitwazzjoni fejn l-appellant

ammetta ghal mhux anqas minn tlieta u ghoxrin serqa u tentattiv ta’ serq. Jekk verament l-appellant huwa motivat sabiex jeghleb il-problema tad-droga, dan jista’ jaghmlu permezz ta’ programm residenzjali appozitu li jista’ jintbaghat fih skond ir-regolamenti tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------